MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Numru 328/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**PETER GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Peter Grima, ta' 24 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee' Vella, imwieled tal-Pieta' nhar l-1 ta' Settembru, 1981, residenti fil-fond numru 42, Triq il-Marsa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 547681 (M);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Dicembru, 2002, f'San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom apparat tal-*hi-fi* u flus kontanti, mill-Kazin Nazzjonalista, ghad-dannu ta' Raymond Bonanna minn

San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-Lm1,00.00 (elf lira maltin);

U aktar talli fit-30 ta' Dicmebru, 2002 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gzejjer, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' l-affarijiet imsemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq uew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Dicembru, 2002, f'San Pawl il-Bahar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm10.00 (ghaxar liri maltin), izda inqas minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), saret ghad-dannu ta' Raymond Bonanno minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat Peter Grima fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 266, 267, 269, 270, 334, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi Peter Grima hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldastant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' tlitt (3) xhur, sospizi ghal sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 28A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------